# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Il-Ħadd 11 ta' Ġunju 2017

Solennità tat-Trinità Qaddisa

Sena A

**Introduzzjoni**

Illum il-Knisja tiċċelebra s-solennità tat-Trinità Qaddisa u tistedinna sabiex aħna tassew nistqarru t-twemmin tagħna f'Alla wieħed.

Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Eż 34, 4b-6.8-9)

Quddiem Alla, Mosè stqarr li l-Mulej hu Alla li jagħder u jħenn.

Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Dan 3, 52.53.54.55.56)

Ta' min ifaħħrek u jgħollik fuq kollox għal dejjem

**It-Tieni Qari** (2 Kor 13, 11-13)

Alla jibqa' fl-imħabba u s-sliem mal-bniedem jekk dan jisma' dak li jgħidlu u jgħix fl-għaqda.

Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Ġw 3, 16-18)

Alla bagħat lil Ibnu fid-dinja biex kull min jemmen fih jikseb is-salvazzjoni.

Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**

It-Trinità Qaddisa hija l-qofol tal-fidi tagħna, u l-fidi tagħna hija għajn ta' ferħ bla tmiem. Ejjew inroddu ħajr lil Alla għal dan il-misteru hekk kbir.

Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Min jgħix fi Kristu u jxandar il-Kelma tiegħU jibqa' fl-imħabba, fis-sliem, u fl-għaqda mal-bniedem. L-Ewkaristija tagħtina dan is-sostenn.

B'dan l-atteġġjament, nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.